# Eku taċ-Ċelebrazzjonijiet

## li saru b'tifkira tal-150 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna.

### Jikteb mill-Belt ta' Loreto Patri Marcello Montanari



Din il-knisja, kważi riċentement mibnija u miftuħa għal kult fl-1978 u mbagħad ikkonsagrata fl-1989 tinsab ftit metri 'l bogħod minn dik l-oħra żgħira,li llum hi ċkejkna wisq għall-popolazzjoni attwali tal-parroċċa. Din il-knisja tinstab mibnija qrib minn fejn jingħad li l-Madonna dehret lir-ragħaj Anglu Grech u li wrietu x-xewqa li f'dak il-lok tiġi mwaqqfa niċċa għad unur tagħha taħt it-titlu tal-Madonna ta' Loreto.

Ilum fuq il-lok tad-dehra fejn dari kien hemm għajn ta' ilma gieri wieħed jista' jara funtana sabiħa bi statwa tal-Madonna kif dehret lil Anglu Grech. Minn dik il-għajn tnissel l-isem Għajnsielem li jfisser għajn tas-Sliem.

Festi solenni rajt f'Għajnsielem, raħal grazzjuż fil-Gżira ta' Għawdex, fl-okkażjoni tal-**150** sena mit-twaqqif tal-parroċċa, iddedikata lill-Verġni Lawretana. Għandi s-sodisfazzjon li kelli nkun f'dik il-Parroċċa, bħala delegat ta' l-Arċisqof ta' Loreto, Mons Ganni Danzi, li kien il-persunaġġ mistieden f'dik iċ-ċirkostanża u li minħabba mpenji oħra kien għalih impossibli li jkun preżenti.

Flimkien ma' Roberto Stefanelli, impjegat mal-*Congregazzione della Santa Casa* għaddejt f' Għajnsielem erbat ijiem, li jien żgur qatt ma' ninsa, ma' hutna Maltin fil-jiem ta' l-egħluq, jiġifieri, mill-25 sat-28 ta' Awissu 2005.

F'Għajnsielem ħassejtni li kont qiegħed Loreto għax dan ir-raħal kollu jkellmek fuq Loreto, fuq id-Dar Imqaddsa u dwar il-*Vergni Lauretana*, tant li sa ma' l-istess bibien tad-djar tista' tara x-xbihat tal-Madonna ta' Loreto jew tal-Familja Mqaddsa u f'xi wħud minnhom anke wieħed jista' jara miktub "Casa di Loreto".

Il-Knisja l-ġdida tal-parroċċa, li tispikka fuq daqsxejn ta' għolja, tiddomina l-port ta' Għawdex fejn jintrakkaw l-opri tal-baħar li fuqhom jinġarru l-passiġġieri li jgħaddu minn Malta għal Għawdex, hi veru innu lill-Madonna ta' Loreto. Hi mibnija fuq stil gotiku, armonjuża u mdawwla għall-aħħar, tintaraf mill-bogħod mill-kampnar żnellu mislut lejn is-sema kaħlani bħal ma hu kaħlani l-baħar Malti.

Imma għalfejn illum din r-riferenża speċjali? Hu żgur li l-Madonna tixtieq li l-Maltin jitgħallmu jgħixu l-messaġġ magħqud mas-santwarju u mad-Dar ta' Loreto allura dik ta' Nażaret. Hemm l-poplu laqa' b'fidi dak li fdadtlu l-Madonna. U llum anka hawn jidher li qed jitwettaq dak li jiġi mitlub fit-talba li tigħad kull filgħodu fid-Dar Imqaddsa ta' Loreto: ''Agħamel o Marija, li kull dar tkun id-Dar Imqaddsa u li kull familja tkun Familja Mqaddsa"

Dan jien hemm rajtu ċar anke matul dawk il-granet festivi ta' Awissu, ġranet li jiġġeddu ta' kull sena. Iżda fis-sena 2005 sara ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-150 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u allura l-festa kienet iktar solenni mis-soltu.

Inħoss li għandi nrodd ħajr lil Mulej li kont hemm u xhud okolari tal-fidi mħeġġa u ta' l-imħabba li l-poplu Malti għandu lejn il-Madonna ta' Loreto.

Minn Loreto ġibt miegħi messaġġ mingħand l-Arċisqof ta' Loreto Mons. Danzi li fih ġabar fil-qosor it-tagħlim li joħroġ mid-Dar Imqaddsa u mill-Familja Nażaretana u li hu fakkru lill-parroċċjani ta' Għajnsielem. Dan il-messaġġ kien moqri bit-taljan mill-Isqof ta' Għawdex, Mons.Nikol Ġ. Cauchi, u li mbagħad inqara bil-Malti mill-Arċipriet ta' Għajnsielem Dun Ġużepp Zerafa.

Il-poplu laqa' bil-ferħ u b'applaws kbir dan il-messaġġ u bih żgur li ħass f'qalbu t-tifkira ta' dak il-messaġġ, li żmien ilu ħafna, il-Madonna kienet għaddiet lil Anġlu Grech. Biex tiġi msaħħa r-rabta antika li teżisti bejn il-parroċċa ta' Għajnsielem u s-Santwarju ta' Loreto, f'din l-istess ċelebrazzjoni ġiet ikkonsenjata f'idejn l-isqof ta' Għawdex relikwija prezzjuża tad-Dar Imqaddsa li tikkonsist f'biċċa brikk tal-ħajt ''recanatese" li darba kien jirfed il-ħitan tad-Dar ta' Loreto.

Dawn il-festi damu sejrin xi tnax il-jum u ngħalqu bi tridu solenni, b'kant, talb, purċissjoni u b'diversi manifestazzjonijiet. Karatteristika ħafna kienet dik id-dimostrazzjoni ta' filgħaxija tas-26 ta' Awissu, bis-sehem tal-poplu kollu u ta' dawk l-Għawdxin u Maltin li ġew minn irkejjen oħra. Hemm rajt is-sehem li taw tant żgħażagħ bil-kant u ż-żfin u xbieha sabiħa tal-Madonna ta' Loreto fuq id-dar, (riproduzzjoni tradizzjonali tad-Dar Imqaddsa ta' Loreto)

Din il-purċissjoni bdiet minn naħa perifika tal-parroċċa u spiċċat fil-misraħ wiesa' tal-parroċċa fejn imbagħad il-Madonna ta' fuq id-Dar ġiet imtellgħa fuq pedestal għoli filwaqt li l-fidili bdew ikantawlha innu lawretan u f'idejhom kellhom fjakkli mixgħula. Bi skantament u qisu b'xi ħaġa maġika, imbagħad infetaħ rożun bi xbieha sabiħa tal-Madonna ta' Loreto (bajda mhux sewda) li tirrappreżenta l-vara titulari maħduma f'Marsilja fis-sena 1865, u b'kitba bil-Malti "Sabiħa bħax-xemx" (*Bella come il sole*)

Wara beda n-nar artifiċjali u wkoll wirja kurjuża ta' karattru *aeronautico* ad unur lill-Madonna ta' Loreto, patruna ta' l-ivjaġġar bl-ajru. Dehru wkoll mudelli varji ta' opri ta' l-ajru mdendla fl-għoli u jimxu bil-qawwa tan-nar artifiċjali mixgħula bin-niċeċ u jtiru b' ħeffa bħal vleġġeġ fl-ajru minn naħħa għall-oħra tal-pjazza u jisserpeġġjaw fuq ix-xbieha tal-Madonna. Imbagħad is-Sibt u l-Ħadd tal-festa mill-ġdid kien hemm waqtiet oħrajn kommoventi u ntensi ħerġin mill-qalb kbira tal-Għajnselmiżi .

Radd ta' ħajr sinċier inwassal lill-Arċipriet Dun Ġużepp Zerafa u lill-komunita' kollha Għajnselmiża għall-wirja ta' fidi u mħabba li lkoll għandhom lejn il-Madonnna ta' Loreto !

Grazzi wkoll fuq kollox għax din il-festa sabiħa ta' Għajnsielem kull sena tqajjem interess kbir f'Malta kollha u li għaliha tant fidili jmorru mill-gżira kollha u b'hekk qed tibqa' tinżamm ħajja t-tifkira u l-qima lejn il-Verġni Lawretana.

*Padre Marcello Montanari*


# The Garden Spot



Jekk għandkom bżonn tordnaw xi bukkett jew arranġament ta' fjuri friski jew artifiċjali, post wieħed għandkom iżżuru, **The Garden Spot**, f'Għajnsielem. Issa ukoll tistgħu ssibu għażla kbira ta' ħut tropikali u ħut tal-ġibja. U xi ngħidu għal dawk li jħobbu l-klieb? Issa, għand the **Garden Spot** tista ssib ***The Pet Fashion*** Corner, fejn hemm għażla vasta ta' ġgieget, tops, ilbiesi u anke gearijiet tat-team tal-futball prefert tiegħek. Għalhekk ejja ha tlibbes il kelb tiegħek bi ħwejjeġ kuluriti u li jżommuhom sħan għax-xhur tax-xitwa. U dan mhux kollox għaliex ma kull Lm 10 li tonfqu tingħataw rigal b'xejn



**Pjazza Madonna ta' Loreto,**
**għajnsielem, Għawdex**
**Tel: 2155 5353 • Mob: 7920 8899**
**Website: www.propertyorbit.com**

